# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002
Educational Assessment Unit - Education Division

**Form 2** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

ISEM: ______________________________ KLASSI: __________

______________________________________________

**L-EWWEL SEZZJONI:** **(20 marka)**
**Wieġeb fil-qosor**

1. Min hu Sid ta' kulħadd u ta' kollox u għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(4 marki)*

2. X'inhu dak li jkisser il-komunikazzjoni ta' bejnietna?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

3. X'inhu x-xogħol tas-Saċerdot?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

4. Semmi erba' ħidmiet li jsiru minn membri tal-Knisja?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

5. X'inhu x-xogħol tal-Missjunarju lejn dawk in-nies li ma jemmnux?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

6. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tal-miġja ta' San Pawl fostna?

______________________________________________ *(2 marki)*

7. F'liema belt id-dixxipli ta' Ġesù bdew jissejħu "Kristjani" għall-ewwel darba?

______________________________________________ *(2 marki)*

8. Kif nistgħu nkunu wlied veri ta' Missierna tas-sema?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

9. Liema kien l-ewwel Konċilju tal-Knisja?______________________

______________________________________________ *(2 marki)*

**IT-TIENI SEZZJONI:** **(15-il marka)**
**Fisser dan il-kliem:**

1. Il-Parabbola ______________________________

______________________________

______________________________

2. L-Għid il-Ħamsin ______________________________

______________________________

______________________________

3. L-Omelija ______________________________

______________________________

______________________________

4. Ir-Reliġjużi ______________________________

______________________________

______________________________

5. L-Evanġelu ______________________________

______________________________

______________________________

**IT-TIELET SEZZJONI:** **(20 marka)**
**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet**

*Is-sejħa ta' Levi*

Wara dan ħareġ u lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bil-qiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi, u qallu: "Ejja warajja." Dak telaq kollox, qam u mar warajh.
Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra.
Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: "Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?"
U Ġesù weġibhom: "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."

1. Min kien Levi?

______________________________ *(2 marki)*

2. X'għamel Levi meta Ġesù qallu : "Ejja warajja"?

______________________________ *(2 marki)*

3. X'qalu l-Fariżej u l-kittieba meta Levi għamel laqgħa kbira lil Ġesù f'daru stess?

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

4. X'weġibhom Ġesù lill-Fariżej u 'l-kittieba għall-akkuża li għamlulu?

__________________________________________________________

____________________________________________________ *(4 marki)*

5. X'tagħlim ried jagħti Ġesù dwar kif iħares lejn il-midneb?

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

____________________________________________________ *(8 marki)*

**IR-RABA' SEZZJONI:** **(15-il marka)**
**Fi żmien Ġesù kien hemm ħafna firdiet.**

**Agħti r-raġunijiet għaliex kien hemm firda bejn…**

1. Ir-Rumani u l-Poplu Lhudi.

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

2. Il-Lhud u s-Samaritani.

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

3. Il-Lhud li kienu jobdu l-liġi u l-Pubblikani.

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

4. Is-sinjuri u l-fqar.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Il-Lhud u l-ġnus pagani ġirien tagħhom.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**IL-ĦAMES SEZZJONI:** **(30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u fuq karta separata ikteb madwar 80 kelma fuq kull wieħed.**

1. Irrakkonta l-Martirju ta' San Stiefnu.
2. Il-Quddiesa.
3. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.
4. Il-Ħidma tal-Karità tal-Knisja f'Malta.